Il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 25(1)(b) tar-[Regolament Nru 6/2002], moqri flimkien mal-Artikoli 6 u 7(1) tar-[Regolament Nru 6/2002] billi qieset li, fil-każ fejn id-disinni mqabbla jiġu inkorporati fi prodotti li n-natura jew id-destinazzjoni tagħhom tkun differenti, din id-differenza tista' timplika l-impossibbiltà għall-utent avżat rilevanti li jagħraf id-disinn preċedenti. L-Artikolu 7 tar-[Regolament Nru 6/2002] jwettaq finzjoni ġuridika li biha kull disinn li jiġi "magħmul disponibbli għall-pubbliku" huwa preżunt li jkun magħruf kemm mill-pubbliku professjonali tas-settur ikkonċernat mid-disinn preċedenti kif ukoll mill-pubbliku tal-utenti avżati tat-tip ta' prodott ikkonċernat mid-disinn ikkontestat. Ġaladarba l-iżvelar tad-disinn preċedenti jiġi stabbilit, wieħed għandu jqis li l-utent avżat rilevanti ikun jaf kemm id-disinn preċedenti kif ukoll il-modalitajiet ta' użu tiegħu, kif jirriżulta mill-provi u mill-argumenti mressqa mill-partijiet.

(1) Regolament (KE) nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001, dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27. p. 142).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fl-24 ta' Lulju 2015 – Petya Milkova vs Izpalnitelen direktor na Agentsiata za privatizatsia i sledprivatizatsionen kontrol

(Kawża C-406/15)

(2015/C 337/09)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Varhoven administrativen sad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Petya Milkova

Konvenuta: Izpalnitelen direktor na Agentsiata za privatizatsia i sledprivatizatsionen kontrol (Aġenzija ta' privatizzazzjoni u ta' verifika ta' wara l-privatizzazzjoni)

Parti oħra fil-proċedura: Varhovna administrativna prokuratura

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, jipprekludi leġiżlazzjoni li permezz tagħha l-Istati Membri jistabbilixxu protezzjoni speċjali *ex ante* f'każ ta' tkeċċija ta' impjegati b'diżabbiltà, mingħajr madankollu tkopri lill-uffiċjali li għandhom l-istess diżabbiltà?

2) L-Artikolu 4 u d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE [1], tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, jippermettu li tiġi adottata regola nazzjonali li tagħti protezzjoni speċjali *ex ante* f'każ ta' tkeċċija ta' impjegati b'diżabbiltà, mingħajr madankollu tkopri lill-uffiċjali li għandhom l-istess diżabbiltà?

3) L-Artikolu 7 tal-imsemmija Direttiva 2000/78 jippermetti li tiġi stabbilita protezzjoni speċjali *ex ante* f'każ ta' tkeċċija ta' impjegati b'diżabbiltà, mingħajr madankollu tkopri lill-uffiċjali li għandhom l-istess diżabbiltà?

4) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel u għat-tielet domandi: fid-dawl tal-fatti u taċ-ċirkustanzi f'dan il-każ, huwa neċessarju sabiex jiġu osservati d-dispożizzjonijiet internazzjonali u Komunitarji, li l-protezzjoni speċjali *ex ante* f'każ ta' tkeċċija ta' impjegati b'diżabbiltà, stabbilita mil-leġiżlatur nazzjonali, tkun applikata wkoll għall-uffiċjali li għandhom l-istess diżabbiltà?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

Appell ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 minn Stichting Woonlinie *et* mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tat-12 ta' Mejju 2015 fil-Kawża T-202/10 RENV, *Stichting Woonlinie* et vs *Il-Kummisjoni Ewropea*

(Kawża C-414/15 P)

(2015/C 337/10)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Appellanti: Stichting Woonlinie, Stichting Allee Wonen, Woningstichting Volksbelang, Stichting WoonInvest, Stichting Woonstede (rappreżentanti: P. Glazener, avukat, u L. Hancher, professur)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju tal-Belġju, Vereniging van Institutionele Beleggers in Vastgoed, Nederland (IVBN)

Talbiet

— tannulla d-digriet [tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) mogħti fit-12 ta' Mejju 2015 fil-Kawża T-203/10 RENV] totalment jew parzjalment konformement mal-aggravji mqajma f'dan l-appell,

— tirrinvija l-kawża lill-Qorti Ġenerali sabiex twettaq evalwazzjoni ġdida konformement mal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Skont l-ewwel aggravju, il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-Unjoni, wettqet evalwazzjoni żbaljata tal-fatti rilevanti u ma mmotivatx b'mod suffiċjenti d-digriet, meta kkonkludiet li l-ilmenti tar-rikorrenti huma mmirati fir-realtà kontra l-ittra Artikolu 17 u li l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali ma jistax jestendi għal din l-ittra. Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali injorat li, kif jirriżulta mill-Artikolu 108(2) TFUE, l-effetti ġuridiċi tad-deċiżjoni iridu jirriżultaw mill-fatt li s-sitwazzjoni preċedenti ma kinitx kompatibbli mat-Trattat. Il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat is-sentenza TF1 meta ddeduċiet li l-istħarriġ tagħha tad-deċiżjoni kkontestata għandu jkun limitat għall-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni evalwatx korrettament il-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna eżistenti kif modifikat wara l-impenji meħuda mill-Istat Olandiż.